AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

8 ta' Jannar 2024

## Ir-Reviżjonijiet tal-Popolazzjoni bejn Ċensiment u Ieħor: 2012 – 2021

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) għamel reviżjoni tal-punti ta' referenza ta' bejn iċ-ċensimenti għall-istatistika tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni għall-medda tas-snin mill-2012 sal-2021. Dawn se jinħarġu fis-26 ta' Jannar 2024.

Fid-demografija hija prattika ordinarja li, minn ċensimenti għal ieħor, isiru reviżjonijiet sabiex l-istatistika uffiċjali tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni tkun allinjata bejn iż-żewġ ċensiment deċennali. Iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar huwa għamla ta' inventarju nazzjonali li jagħti rendikont tal-popolazzjoni u ta' fejn joqogħdu n-nies. L-aħħar Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar kien amministrat f'Novembru 2021. Il-valutazzjoni komparattiva maċ-ċensimenti tiżgura serje kontinwa li tkun allinjata mal-bidliet bejn iż-żewġ punti ta' żmien. Ir-reviżjonijiet interċensali ta' qabel saru fl-2012 biex is-serje ta' żmien mill-2006 sal-2011 kienet allinjata bejn iċ-ċensimenti tal-2005 u l-2011.

Id-data annwali tal-popolazzjoni u l-migrazzjoni maħruġa mill-NSO hija stmata fuq iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar. Kull sena, diversi sorsi amministrattivi huma użati biex ikunu stmati l-komponenti tal-popolazzjoni li jkunu magħdudin u mnaqqsin mill-popolazzjoni bażi. Dawn ir-reġistri mhumiex maħsubin għall-kumpilazzjoni diretta tal-istatistika tal-popolazzjoni skont id-definizzjonijiet mitluba, u għalhekk metodi kumplessi tal-istimar huma użati sabiex tinħareġ statistika tal-popolazzjoni bis-sens minn dawn is-sorsi. Barra dan, meta ma jkunx hemm sorsi xirqin, sorsi awżiljarji bħalma huma l-istħarriġiet jintużaw sabiex ikunu indirizzati nuqqasijiet fid-data.

Filwaqt li l-NSO jagħmel kulma jista' biex jiżgura ruħu mill-produzzjoni ta' statistika demografika ta' kwalità għolja, jista' jkun ukoll li s-sorsi u l-metodi użati jkun fihom limitazzjonijiet ta' kwalità u marġini ta' żball. Għaldaqstant, ir-reviżjonijiet bejn ċensiment u ieħor jagħmlu tajjeb għal żbalji li jista' jkun hemm fl-istimi annwali tal-popolazzjoni, li jinqalgħu minn rappreżentazzjoni żejda jew nieqsa fis-sorsi amministrattivi u ineżattezzi fil-mudell matematiċi mħaddma biex ikunu stmati l-komponenti li ma jinstabux fis-sorsi amministrattivi.

Iċ-ċifri riveduti tal-popolazzjoni mill-2012 sal-2021 ma nbidlux ħafna bir-reviżjonijiet interċensali. Bħala medja, l-istimi riveduti jgħoddu 684 persuna inqas kull sena meta mqabblin mal-istimi li kien hemm qabel iċ-Ċensiment tal-2021. Il-komponenti tat-tibdil fil-popolazzjoni kienu mistħarrġa u miflija bħala parti mill-proċess tar-reviżjonijiet. Iċ-ċifri tat-twelidiet u l-imwiet ta' residenti ma kinux riveduti, madankollu l-indikaturi tal-fertilità u l-mortalità kienu stmati fuq il-popolazzjoni riveduta ladarba l-kalkolu ta' dawn l-istimi jiddependi fuq ċifri tal-popolazzjoni li kienu milqutin b'dawn ir-reviżjonijiet.

Il-lista ta' hawn taħt tagħti taqsira taċ-ċifri li kienu riveduti u li se jinħarġu fl-istqarrija li ġejja. Darba jkunu maħruġa, l-istimi riveduti jieħdu post l-istimi ta' qabel għas-serje mill-2012 sal-2021. Iċ-ċifri tas-sena 2022, li kienu stmati biċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar 2021, se jkunu wkoll imdaħħla fl-istqarrija.

- Stimi tal-popolazzjoni tal-aħħar tas-sena u ta' nofs is-sena bl-età, is-sess, gruppi wesgħin taċ-ċittadinanza u LAU1: 2012 – 2022.
- Stimi tal-popolazzjoni tal-aħħar tas-sena u ta' nofs is-sena bl-età, is-sess, gruppi wesgħin taċ-ċittadinanza u LAU2: 2012 – 2022.
- Densità tal-popolazzjoni bit-taqsim ġeografiku tal-LAU u n-NUTS: 2012 – 2022.
- Stimi tal-flussi tal-migrazzjoni bil-grupp tal-età, is-sess u gruppi wesgħin taċ-ċittadinanza: 2012 – 2022.
- Indikaturi tal-fertilità (ir-rata sħiħa tal-fertilità u r-rata ta' twelid għal kull elf resident): 2012 – 2022.
- Indikaturi tal-mortalità (l-istennija tal-għomor u r-rata ta' mwiet għal kull elf resident): 2012 – 2022.

Ladarba l-istħarriġiet imsejsa fuq il-popolazzjoni jitqabblu mal-istimi tal-popolazzjoni residenti, se jsiru reviżjonijiet tal-istħarriġiet soċjali sabiex dawn ikunu allinjati mas-serje ta' snin riveduta. Aktar dettalji marbutin mar-reviżjoni tal-istħarriġiet soċjali se jitħabbru aktar tard. Aktar tagħrif jista' jkun disponibbli billi ssir talba bil-miktub lil: nso@gov.mt